Dun Hector Scerri



# Żvilupp fuq li kien hemm

Dan l-aħħar smajt li l-Papa ħareġ dokument li jippermetti l-Quddiesa kif kienet tiġi ċelebrata qabel il-Konċilju Vatikan II. Qrajt li dan ġie fis-seħħ fl-14 ta' Settembru li għaddew. Spjegali ftit x'se jiġri għax qed nitħawwad. (MC, Iklin)

Sewwa smajt dwar id-dokument li l-Papa Benedittu XVI ħareġ fis-7 ta' Lulju li għadda. Imma nixtieq nirreferik għat-tweġiba li kont tajt fil-ħarġa ta' Ġunju ta' din ir-rivista. Hemmhekk, weġibt għall-mistoqsija jekk il-Papa kienx reġa' daħħal il-Quddiesa bil-Latin.

Il-qarrejja li staqsietni kienet semgħet xi ħaġa dwar dak li l-Papa kien kiteb fi Frar 2007 fl-Eżortazzjoni Appostolika ***Is-Sagrament ta' l-Imħabba*** dwar l-Ewkaristija.

F'din l-Eżortazzjoni, il-Papa kien qal li jkun aħjar li ***f'ċelebrazzjonijiet internazzjonali kbar*** (bħalma jsiru fil-Vatikan jew Lourdes), ikun aħjar jekk il-quddiesa ssir bil-Latin ***biex jidher aktar ċar kemm il-Knisja hija universali***, u mhux marbuta biss ma' dak il-pajjiż fejn tkun qiegħda ssir iċ-ċelebrazzjoni. Il-qari mill-Iskrittura, l-omelija u t-talbiet tal-ġemgħa jibqgħu jsiru bl-ilsna tallum.

Kont ktibt ukoll li "il-Konċilju Vatikan II, fir-riforma liturġika li nieda, qatt ma neħħa l-Latin mil-liturġija. Kien ta permess biex jibda jintuża l-vernakular, jiġifieri l-ilsien tal-post. Wieħed jifhem l-utilità ta' deċiżjoni bħal din" (***Flimkien***, Ġunju 2007).

Issa, fid-dokument tas-7 ta' Lulju, bl-isem ***Summorum Pontificium*** (jiġifieri "tal-Papiet"), għandna xi ħaġa differenti minn dak li għedna aktar 'il fuq. ***Mhijiex biss jekk jintużax il-Latin jew le fil-liturġija.*** Dan hu li se nipprova nfisser.

Id-dokument jippermetti ċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija ***skond il-kotba liturġiċi l-antiki wkoll***. Fi kliem ieħor, il-Papa qiegħed jgħid li r-Rit li aħna nagħmlu parti minnu, issa għandu ***żewġ forom***. Il-***forma ordinarja*** hija dik li nużaw, u li ilha tiġi użata għal dawn l-aħħar 37 sena, u li aħna mdorrijin biha. Din għandha verżjoni uffiċjali bil-Latin, li dejjem seta' jibqa' jintuża, u naturalment it-traduzzjonijiet bil-vernakular (bl-ilsien tal-post).

Hemm ukoll imbagħad dik li l-Papa jirreferi għaliha bħala ***l-forma straordinarja***. F'dal-każ jintużaw il-kotba liturġiċi li kien ħareġ Ġwanni XXIII fl-edizzjoni ta' l-1962, u li jmorru lura għall-Papa San Piju V fis-seklu 16. Hawnhekk jintuża dejjem il-Latin. Imma din il-forma mhijiex ikkaratterizzata biss bl-użu tal-Latin, imma wkoll b'ġesti u pożizzjonijiet li kienu jintużaw qabel ir-riforma liturġika li ġab miegħu l-Konċilju Vatikan II.

Il-Papa, f'ittra li bagħat lill-isqfijiet tad-dinja kollha, jagħmel enfasi li dawn iż-żewġ verżjonijiet ***mhumiex*** żewġ riti differenti. ***Ifisser li huma żewġ forom ta' l-istess Rit.***

L-intenzjoni tal-Papa hija li jilqa' x-xewqa ta' dawk kollha li għal raġuni jew oħra jħossuhom marbutin mal-liturġija kif kienet iċċelebrata qabel is-sebgħinijiet. Il-Papa jixtieq rikonċiljazzjoni fil-qalba tal-ħajja tal-Knisja.

Jispjega li dak li kien qaddis u mezz ta' qdusija għal ġenerazzjonijiet ta' l-imgħoddi huwa qaddis għalina wkoll illum. Ifakkarna li ma teżisti l-ebda kontradizzjoni bejn iż-żewġ edizzjonijiet tal-Missal Ruman, imma biss żvilupp u progress minn wieħed għall-ieħor.

Id-dokument ***Summorum Pontificium*** jgħid li jista' jsir quddies bir-rit l-antik, anki fil-parroċċi, jekk ikun hemm numru stabbli ta' nsara li jitolbu dan, basta dan ma jfixkilx l-armonija fil-ħajja tal-parroċċa. Id-dokument isemmi wkoll il-possibbiltà li sagramenti oħra jkunu ċelebrati skond ir-riti l-antiki, basta l-ġid ta' l-insara jitlob li dan isir.

Jien nistħajjel li l-Isqfijiet tagħna se jiggwidawna dwar kif dan id-dokument jolqot il-ħajja liturġika tagħna, u kif jisti jiġi attwat meta u fejn tinqala' l-ħtieġa.

## Teoloġija ħajja




*Living Theology. Studies on Karl Rahner, Yves Congar, Bernard Lonergan and Hans Urs von Balthasar*, Libreria Editrice Vaticana. Vatican City 2007, pp.291, ISBN 88-209-7847-4

Il-Libreria Editrice Vaticana ppubblikat ktieb tat-teoloġija b'ġabra ta' artikli dwar temi teoloġiċi. Il-biċċa l-kbira tagħhom ħarġu mill-pinna ta' awturi Maltin. L-editur tal-ktieb huwa Dun Hector Scerri, Kap tad-Dipartiment tat-Teoloġija Dommatika fl-Università ta' Malta u Viċi-Rettur tas-Seminarju.

Il-ktieb fih 11-il artiklu u jistudja l-kontribut ta' erba' teoloġi kbar tas-seklu li għadda dwar temi bħall-ekumeniżmu, is-sagramenti, l-imħabba u l-Ispirtu s-Santu. Fost l-awturi hemm Patri Salvino Caruana O.S.A., Dun Mark Sultana, il-Professur Dun Peter Serracino Inglott, Dun Hector Scerri, Dun Stefan Attard, Dun Frank Bajada u l-mibki Patri Frans Previ O.P. Hemm xi awturi oħra Maltin – il-Ġiżwiti Patri Edward Farrugia u Patri Mario Farrugia – li għamlu isem fil-kuntest akkademiku ta' l-Universitajiet Pontifiċji ta' Ruma u fi bnadi oħra. Hemm ukoll żewġ awturi barranin: Patri Fernando Millan Romeral O.Carm. li jgħallem f'Comillas (Spanja) u lajk impenjat Josè Carlos Carvalho li jgħallem fl-Università Kattolika ta' Oporto (Portugall).

Il-ktieb jinbigħ Lm8.50 mingħand il-ħwienet ewlenin tal-kotba jew l-editur innifsu, is-Seminarju, Triq Tal-Virtù, Rabat RBT 2604.